**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta mizmuma llum, 24 ta' Mejju 2018.**

**Rikors Numru: 261/2017 CSH**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A, numerata 683/06 fl-ismijiet:**

**Bikes & Company Limited (C-22137)**

**Vs**

**Alan Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti Bikes & Company Ltd pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Settembru 2017 fejn esponiet:

*"Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 3 ta' Frar 2006, numerata 683/2006 u reza ezekuttiva skond l-Art. 166A tal-Kap. 12, Bikes & Company Limited (C22137) ta' 178, Marina Street, Pieta', giet kanonizzata kreditrici tal-intimat Alan Xuereb fis-somma ta' sebat elef u tmienja u sebghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€7078.73).*

*Illi in ezekuzzjoni tat-titoku ezekuttiv fuq imsemmi, l-esponenti ottjeniet il-hrug ta' zewg mandati, ghall-ammont ta' sebat elef u tmienja u sebghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€7078.73) bl-ispejjez u bl-interessi legali mill-1 ta' Marzu 2001 (id-data ta' meta l-ammont sar dovut) cioe', mandat ta' sekwestru numerat 1276/2006 u mandat ta' qbid numerat 1360/2006 fl-ismijiet premessi.*

*Illi minn l-ammont fuq imsemmi giet imhallsa biss is-somma ta' elf mija tnejn u tmenin Ewro u sittin centezmu (€1182.60) li giet depozitata taht l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti mis-socjeta' HSBC Bank Malta plc permezz tac-cedola numru 2880/08 in segwitu' ghall-mandat ta' sekwestru. Ghalhekk is-somma dovuta bhala sorte mill-intimat hija dik ta' hamest elef tmien mija sitta u disghin Ewro u tlettax-il centezmu (€5896.13), bl-interessi u l-ispejjez, li ghadhom dovuti sal-lum, u dan hekk kif ikkonfermat mir-rapprezentant tas-socjeta' esponenti fid-dikjarazzjoni ta' fatti hawn annessa u mmarkata bhala Dok. BC1.*

*Illi ghaddew iktar minn hames snin mid-data ta' meta l-ittra ufficjali 683/2006 giet reza ezekuttiva."*

*Ghaldaqstant, peress li ghaddew iktar minn hames snin mid-data ta' meta l-imsemmija ittra ufficjali giet reza ezekuttiva, is-socjeta' rikorrenti, permezz tal-prezenti rikors ai termini tal-Art. 258(c ) tal-Kap. 12, talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza mill-gdid l-ezekuzzjoni ta' l-imsemmi titolu ezekuttiv.*

Rat ir-risposta tal-intimat **Alan Xuereb** li giet prezentata fil-21 ta' Dicembru 2017 fejn eccepixxa is-segwenti:

*"Illi, b'riferenza ghad-digriet ta' din l-Onorabli Qorti datat 26 ta' Settembru tas-sena 2017 u notifikat lil esponenti fit-18 ta' Dicembru tas-sena 2017, preliminarjament jirrileva illi r-rikors sudett huwa monk u null fil-konfront tal-*

*esponenti stante illi r-rikors gie intavolat mis-socjeta' Bikes Company Limited bin-numru tar-registrazzjoni C-22137 u kif muri fid-dokument anness u mmarkat bhala dok 'A', l-istess numru tar-registrazzjoni jghajjat lil kumpanija DPM Limited;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ittra ufficjali bin-numru 683/2006 saret ezekuttiva fil-konfront tal-esponenti minn Bikes & Company Limited u ghaldaqstant tista' tigi esegwita biss minn Bikes & Company Limited u jekk hemm xi tibdil fis-socjeta' dan kellu jigi indikat fir-rikors.*

*Illi in oltre l-esponenti jirrileva li huwa m'ghandu ebda dejn mas-socjeta' DPM Limited bin-numru tar-registrazzjoni C-22137;*

*Daqstant ghandu l-unur l-esponent x'jisottometti ghal gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabli Qorti."*

Rat id-dikjarazzjoni ta' fatt ta' Sean Arrigo li giet ipprezentata flimkien mar-rikors promotur fit-12 ta' Settembru 2017 fejn l-istess Sean Arrigo ddikjara li hu ghandu r-rapprezentanza tas-socjeta' Bikes & Company Limited. Iddikjara illi s-socjeta' rikorrenti ottjeniet titolu ezukuttiv kontra l-intimat Alan Xuereb u dan fis-sena 2006 permezz tal-ittra 166A bin-numru 683/06. Illi mill-ammont ta' sebat elef u tmienja u sebghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€7,078.73) li kien dovut, thallas biss l-ammont ta' elf mija tnejn u tmenin Euro u sittin centezmu (€1,182.60) u ghaldaqstant il-bilanc ta' hamest elef tmien mija sitta u disghin ewro u tlettax-il centezmu (€5,896.13) ghadu dovut sal-lum, bl-interessi legali u bl-ispejjez.

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici li biha talab li isem ir-rikorrenti Bikes & Company Limited jigi sostitwit b'dak ta' DPM Limited ( C-22137) fl-atti kollha tal-kawza. Rat id-digriet ta din il-Qorti fejn ordnat li tali rikors jigi notifikat lill-intimat. Rat li fis-seduta tal-14 ta' Frar 2018 deher Dr. Mario Mifsud li ha

konjizzjoni tar-rikors prezentat fit-12 ta' Frar, 2014 u obbliga ruhu li jipprezenta risposta ghall-istess rikors. Rat illi pero l-intimat baqa' inadempjenti u ma pprezenta l-ebda risposta u ghalhekk il-Qorti b'digriet taghha tat-18 ta' April, 2018 laqghet it-talba rikorrenti u ordnat korrezzjoni f'isem is-socjeta' rikorrenti.

Rat illi is-socjeta DPM Limited hija l-istess wahda bhala Bikes & Company Limited tant li zammet l-istess registration number ta' C 22137 u ghalhekk l-effett tal-ittra ufficjali li kient giet intavolata mis-socjeta' Bikes & Company Limtied ghandu iservi daqs li kieku giet intavolata mis-socjeta DPM Limited.

Il-Qorti rat li l-konvenut ma pprezenta l-ebda risposta fir-rigward tal-mertu tar-rikors promotur u rat li ghaddew aktar minn ghaxar snin minn meta s-socjeta' rikorrenti akkwistat titolu esekuttiv a bazi ta' l-ittra ufficjali taghha tat-3 ta' Frar 2006 u ghalhekk skond l-artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ghandha tilqa t-talba rikorrenti.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa t-talba tas-socjeta' rikorrenti ai termini ta l-artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan illi qieghda tawtorizza mill-gdid l-esekuzzjoni tat-titolu fuq imsemmi.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-intimat.

Magistrat Dr Consuelo Sceri Herrera

Dep. Registratur